**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 176 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Neil Carl Farrugia**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Neil Carl Farrugia detenur tal-karta tal-identita Maltija 347982M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Settembru 2010 għal ħabta tas-10:20am u fil-ħinijiet ta' wara, ġewwa il- Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola, Malta, u matul l-aħħar xhur qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal- Liġijiet ta' Malta.
2. Akkużat ukoll fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.
3. Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija titratta lill-imputat Neil Carl Farrugia bħala li sar reċediv ai termini ta'l-artikolu 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi kienu mogħtija lilu li saru definttivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-27 ta' April, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat Neil Carl Farrugia ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu filwaqt li lliberatu mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni u konsegwentament kkundanatu għall-piena ta' priġunerija effettiva għall-perjodu ta' sena. A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat lill-ħati Neil Carl Farrugia sabiex iħallas l-ispejjeż fl-ammont ta' Eur. 246.20 konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni fi żmien sena mil-lum. Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga eżebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Neil Carl Farrugia ppreżentat fid-9 ta' Mejju, 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lil appellant ħati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u illiberatu minnhom, filwaqt li thassarha u tannullaha, fil-parti fejn sabet lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni, u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew alternattivament tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fatti speċi tal-każ.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Neil Carl Farrugia.

Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Presukuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi għalkemm fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell, l-appellant jitlob sabiex din il-Qorti tirrevoka is-sejbien ta' ħtija għat-tieni imputazzjoni u sabiex konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija, madanakollu l-uniku aggravju minnu mqanqal jindirizza biss il-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti. Ġaldarba għalhekk l-appellant ma jressaq ebda aggravju formali dirett lejn il-mertu

tal-każ, il-Qorti mhijiex ser tikkonsidra t-talba tiegħu għar-revoka tas-sejbien ta' ħtija tiegħu, njara mill-mottiv li wassal lill-appellant sabiex ħassu aggravat minn din il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u allura mil-lanjanza tiegħu fir-rigward tad-deċiżjoni fuq il-mertu. Fuq kollox l-appellant inqabbad *in flagrante* mill-uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin bid-droga fil-ponn ta' idejh hekk kif kien dieħel fil-Faċilita sabiex jagħmel viżta lil ħuh Jeremy Farrugia, li dak iż-żmien kien detenut ġewwa il-ħabs.

Illi fl-uniku lment ventilat mill-appellant, huwa jikkontendi illi għandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena inflitta fid-dawl tat-trapass taż-żmien minn meta seħħ ir-reat, kif ukoll minħabba iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fejn fil-perijodu indikat fiċ-ċitazzjoni huwa kien għaddej minn diversi problemi soċjali li wassluh sabiex ixellef difrejgħ mal-ġustizzja. Illum il-ġurnata jisħaq illi huwa bniedem  riformat bl-għajnuna ta' diversi professjonisti u anke għeleb il-vizzju tad-droga li minnu kien maħkum dak iż-żmien. Dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, fil-fehma tiegħu, kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti sabiex teroga piena fil-minimu tagħha. Jikkontendi illi l-piena kellha tfittex li tkun waħda reformattiva, aktar milli punittiva.

Illi l-appellant kien ikkundannat għal piena ta' priġunerija għal żmien sena. Illi l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprefiġġi, għal infrazzjoni tal-liġi addebitata lill-appellant, il-piena ta' priġunerija għal żmien bejn sitt xhur u għaxar snin u ukoll dik tal-multa ta' mhux inqas minn erba'mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87). Minn daqqa t'għajn lejn din id-disposizzjoni tal-liġi huwa evidenti li l-Ewwel Qorti kienet klementi mal-appellant meta erogat il-piena ta' sena prġunerija, liema periijodu ta' żmien kien iqarreb lejn il-minimu. Mhux biss iżda l-Ewwel Qorti naqqset milli tinfliġġi il-multa li hija tassattiva għal kull min ikun misjub ħati fit-termini ta'l-artikolu 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap.101. Lanqas lill-appellant ma ġie addebitat mill-Prosekuzzjoni l-aggravvanti illi dan ir-reat kien kommess ġewwa il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji l-Qorti ma tarax illi hemm lok għal aktar klemenza.

Kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, l-appellant ikkometta dan ir-reat ġewwa il-Ħabs meta kien ser jagħmel żjara lil ħuh. Illi imbagħad il-fedina penali tiegħu ma tantx taspira fiduċja fil-qorti illi huwa jista' jirriforma ħajtu, bl-aħħar kundanna tirrisali proprju għal

din is-sena. Finalment fir-rigward tat-trapass taż-żmien għalkemm il-qrati dejjem ħadu dan il-fattur in konsiderazzjoni meta ġew biex jikkalibraw il-piena, kif ġustament jikkontendi l-Avukat Ġenerali, dan il-fattur, madanakollu ma jnaqqasx mir-responsabbilta' penali tal-ħati. Kif deċiż minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, mitigazzjoni fil-piena minħabba t-trapass taż-żmien għandha tkun kkunsidrata fuq kollox meta il-ħati juri li tul il-perijodu li damu għaddejjin il-proċeduri fil-konfront tiegħu huwa fittex biex joqgħod lura milli jikkommetti reati oħra u fittex ukoll illi jirriforma ħajtu[1]. Illi mill-aħħar rapport li hemm fl-atti ikkumpilat mill-Uffiċjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss datat il-5 ta' Ottubru 2022 jidher illi l-appellant ma huwiex qiegħed jimpenja ruħu biżżejjed sabiex ifittex din ir-riforma f'ħajjtu, kif sewwa kkonkludiet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Għalhekk kuntrarjament għal dak dikjarat fl-aggravju minnu ntentat, mhuwiex minnu illi llum l-appellant huwa bniedem riformat u għalkemm, kif tindika l-imsemmija Uffiċjal, ingħata diversi opportunitajiet minn dawn il-qrati tul is-snin sabiex jindirizza l-problema li huwa afflitt minnha tal-abbuż tad-droga, huwa xortawaħda baqa' jippersisti fil-ħajja tad-delinkwenza u tal-abbuż mhux biss mid-droga, iżda skont dak li stqarret ommu mal-Uffiċjal, iżda wkoll minn pilloli mogħtija lilu mill-psikjatra kuranti tiegħu, tant illi spiċċa anke jixtrihom minn fuq l-idejn, b'dan l-abbuż iwassal lill-appellant għal periklu serju għal saħħtu.

F'dan ix-xenarju ma jidhirx illi l-appellant jista' jindirizza l-problemi li għandu fil-ħajja tiegħu waħdu, iżda għandu bżonn l-għajnuna ta' nies professjonisti sabiex jagħmel dan, liema għajnuna għandha tingħatalu f'ambjent ikkontrollat fejn huwa jkollu l-opportunita' jagħmel użu minn dawn is-servizzi.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Tagħmel rakkomandazzjoni lil-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant jingħata l-għajnuna meħtieġa tul il-permanenza tiegħu ġewwa il-

---

[1] Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. deċiża App. Inf. 02/10/2002

Faċilita biex jindirizza id-dipendenza tiegħu fuq sustanzi u mediċini li huma ta' perikolu għal ħajja tiegħu.

Edwina Grima

Imħallef

Notifika: Kap Eżekuttiv, Aġenzija Korrettiva ta' Kordin